# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: Siegħa** |
|---|---|---|

Isem ______________________________________________

Klassi ______________________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi.
  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



**A. Agħżel it-tajba billi taqta' sing taħtha.**

1. Kull staġun tas-sena jdum (tliet xhur, tletin ġurnata, erba' xhur, ħames ġimgħat).



2. Il-vaganzi tas-sajf jispiċċaw u tibda sena skolastika ġdida (fix-xitwa, fir-rebbiegħa, fis-sajf, fil-ħarifa).

3. Passatemp modern hu (l-kaċċa, l-għana, l-kompjuter, l-festi).

4. Meta aħna nagħtu ċans lill-oħrajn jitkellmu, aħna nkunu qed (nagħmlu dmirna, infittxu d-dritt tagħna, nonqsu mir-rispett, naħsbu fina biss).

5. Mezzi ta' komunikazzjoni fit-triq huma (arbli tal-festa, tarmak, ħofor, sinjali biż-żebgħa ma' l-art).

6. Il-belt kapitali tat-Turkija hija (Valletta, Ankara, Lisbona, Ateni).

7. Alġier hija l-belt kapitali ta' (l-Eġittu, l-Italja, l-Alġerija, l-Ingilterra).

8. Dun Mikiel Xerri kien jgħix f'Malta fi żmien (il-Kavallieri, l-Għarab, ir-Rumani, il-Franċiżi).



9. Lil Dun Mikiel Xerri sparawlu fil-pjazza tal-(Birgu, Belt Valletta, Ħamrun, Marsa).

10. Dun Mikiel Xerri miet għal pajjiżu, għalhekk insejħulu (martri, qaddis, eroj, qassis).

11. Il-Konti Ruġġieru kien (Sqalli, Normann, Ġermaniż, Tork).

12. Il-Konti u s-suldati tiegħu riedu jieħdu lil Malta mingħand (l-Ingliżi, l-Għarab, il-Franċiżi, in-Normanni).

13. Il-Maltin bdew iħallsu lill-Konti Ruġġieru (l-kontijiet, d-dejn, l-ħaraġ, l-kera).

14. Ir-rwol tas-Sindku huwa li jmexxi 'l quddiem (il-pajjiż tiegħu, id-dinja kollha, il-lokalità tiegħu, il-kontinent Ewropew).

15. Ir-rwol ta' membru tal-Parlament Ewropew hu li jirrappreżenta lil pajjiżu fl-Unjoni (Mediterranja, Ewropea, Magħquda, Dinjija).

**(15-il marka)**

**B. Poġġi l-kliem fil-post it-tajjeb.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Eskimiżi  | injam  | ors abjad  | kakti  | qamħ  |
| silġ  | għelieqi  | ħafna siġar  | oasi  | ġemel  |

| **Deżert Sħun** | **Deżert Kiesaħ** | **Foresta** | **Mergħa** |
|---|---|---|---|
| ________________ | ________________ | ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ | ________________ | ________________ |
| ________________ | ________________ | | |

**(10 marki)**

Ċ. Toni għandu ħamsin sena. Hu għandu dawn is-sitt passatempi.
Ħares lejn dawn l-istampi.
**Ikteb il-passatempi ta' Toni**. L-ewwel waħda lesta.

| | | |
|---|---|---|
|  Jara **t-tlielaq tal-karozzi**. |  Imur għall- ____________ |  Imur ________________ |
|  Jisma' ________________ |  Imur ________________ |  Jara ________________ |

**(5 marki)**

**D. Min jien?**

1. Għamlu t-tarmak u t-traffiku reġa' beda jgħaddi minni.

    ______________________________

2. Aqsam it-triq minn fuqi biex ma tkunx fil-periklu.

    ______________________________

3. Niġi fit-triq tiegħek u nagħti servizz billi nbigħ xi oġġetti.

    ______________________________

4. Meta jiena miexja u inti passiġġier, toħroġx idek jew rasek mit-tieqa tiegħi.

    ______________________________

5. Minni jitilqu l-karozzi tal-linja kollha.

    ______________________________



6. L-ajruplani kollha li jiġu Malta, jinżlu fija.

    ______________________________

7. Hawn ikun hawn ħafna trenijiet biex itellgħu jew iniżżlu l-passiġġieri.

    ______________________________

8. Jien qiegħed f'Birżebbuġa. Hawn, vapuri kbar iħottu t-tagħbija tagħhom.

    ______________________________

9. Tiġi hawn biex titgħallem u biex issir aktar edukat jew edukata.

    ______________________________

10. Jien mezz ta' komunikazzjoni. In-nies f'Malta, fl-Ewropa u fid-dinja jsiru jafu x'qed jiġri madwarhom minn għandi.

    ______________________________

**(10 marki)**





**E. (i) Qabbel bin-numri l-istrument tat-temp ma’ l-isem.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 |  | ____ | Ir-*rain gauge* |
| 2 |  | ____ | Il-pinnur |
| 3 |  | ____ | L-anemometru |
| 4 |  | ____ | It-termometru |

**(4 marki)**

**E. (ii) Imla l-vojt bl-isem ta’ l-istrument.**

1. ______________________ juri d-direzzjoni tar-riħ.
2. ______________________ jkejjel il-qawwa tar-riħ.
3. ______________________ juri kemm niżlet xita.
4. ______________________ juri kemm hi sħuna jew kiesħa l-arja fi gradi Celsius.

**(4 marki)**

**F. (i) Ħares lejn il-mappa. Il-mappa qiegħda biex tgħinek.**
**Qabbel il-pajjiż mal-belt kapitali.**
**Ikteb in-numri ħdejn l-isem tal-belt kapitali.**




| | **Pajjiżi** | | **Bliet Kapitali** |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Italja | | Pariġi |
| 2 | Spanja | | Ruma |
| 3 | Franza | | Tripli |
| 4 | It-Tuneżija | | Madrid |
| 5 | Il-Libja | | Tuneż |

**(5 marki)**

**F. (ii)**



**Imla l-vojt.**

1. Din hi ____________________ tal-gżejjer Maltin.
2. L-ismijiet tal-gżejjer Maltin huma Malta, ____________________ u ____________________.
3. **Fuq il-mappa** ikteb l-isem ta' kull gżira fil-kaxxi.
4. Il-bliet kapitali ta' l-ikbar żewġ gżejjer Maltin huma ____________________ u ____________________.
5. Immarka fuq il-mappa, iż-żewġt ibliet kapitali billi tagħmel salib ⊗ fiċ-ċirku t-tajjeb ġo kull gżira.

**(12-il marka)**

**Ġ. Aqra dan id-djalogu.**

## Festi

**Nicole:** Għada lejlet il-festa. Ġejja tara ġ-ġiġġifogu?

**Martina:** Dażgur li niġi. Jiena kull sena mmur nara ġ-ġiġġifogu daqskemm jogħġobni.

**Nicole:** Għada għandek ma' min tmur il-festa?

**Martina:** Iva, sejra mal-familja għax aħna nħobbu ħafna l-festa tar-raħal. Jekk trid, tista' tiġi magħna.

**Nicole:** Grazzi ħafna, imma aħna wkoll se mmorru. Forsi niltaqgħu fuq iz-zuntier. Missieri se jerfa' l-istatwa ma' sħabu għall-ewwel darba. Tgħidx kemm hu ferħan!

**Martina:** In-nannu tiegħi wkoll kien jerfa' imma issa hu xiħ ħafna miskin! Hu kien iħobb ħafna l-festi. Kull meta mmorru għandu ħallih jirrakkuntalna dwar id-drawwiet ta' dawn il-festi tradizzjonali.







**Ġ. (i) Imla l-vojt dwar il-festa tal-belt jew raħal fejn toqgħod.**

Jien noqgħod ____________________________________. Il-festa tal-parroċċa tagħna hija ____________________________________. Din il-festa niċċelebrawha darba fis-sena fl-istaġun ____________________________________. Fil-festa jkun hemm ______________________________ li ddoqq ħafna marċi sbieħ. Fil-festa, l-imġiba ta' kulħadd għandha tkun _______________________________.

**(5 marki)**

**Ġ. (ii)** Agħti eżempju wieħed ta' **a) ikel** u **b) ħelu** tradizzjonali li nieklu:

| | **Ikel** | **Ħelu** |
|---|---|---|
| fil-Milied | a) ____________________ | b) ____________________ |
| fl-Għid | a) ____________________ | b) ____________________ |
| fl-Imnarja | a) ____________________ | |

**(5 marki)**





**G. Daħħal dan il-kliem fil-vojt:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| membru | niġġieldu | grupp | l-kap | niddiskutu |
| ħbiberija | tajba | aħjar | rwol | l-ideat |

Aħna kuntenti li aħna membri tal-____________________ tat-tfal tal-klassi tagħna. Aħna rridu li bejnietna jkollna ____________________ u komunikazzjoni tajba. L-għalliema huma l-mexxejja fil-klassijiet, imma xi ħadd minna jkun magħżul biex f'xi okkażjonijiet ikun hu jew hi ____________________. Iżda kull ____________________ tal-grupp għandu ____________________ importanti. Min jagħmel ħaġa u min oħra. L-imġiba tagħna fil-grupp għandha tkun ____________________. Meta ma naqblux ma jfissirx li ____________________ bejnietna. Għandna ____________________ fejn ma naqblux u nirrispettaw ____________________ ta' l-oħrajn. Hekk il-grupp jimxi ____________________ u jaħdem għall-istess skop.

**(10 marki)**



**GĦ. Ikteb ĦAMES sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:**

1. Kif tista' ssebbaħ l-ambjent ta' l-iskola tiegħek
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: tiżjin fil-klassi, tiżjin fil-bitħa jew ġnien, indafa, ordni…)

2. Kif għandha tkun l-imġiba tiegħek fit-triq
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: kif u fejn timxi, sinjali tat-traffiku, logħob fit-triq…)

3. X'taf dwar Dun Karm Psaila u x'importanza kellu fl-istorja ta' Malta u l-Maltin
   (Dan il-kliem jista' jgħinek: poeta, il-lingwa Maltija, patrijott)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(15-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**